# It-Tren Iżomm il-Ħin

It-tren iżomm il-ħin, kulħadd hekk qalli,
U jiena mxejt fit-tul sa wasalt hawn.
Dan l-aħħar stejġ. Riġlejja tqalu jimxu
U jkolli nirkbu żgur biex nasal hemm,
Fejn qed imur kulħadd b'dan it-tren iswed
Bil-faħam u d-duħħan t'eluf ta' snin.
Missieri w ommi w in-nanniet u l-bqija

Li rikbuh qabli żgur insibhom hemm.
Minn hawn sa hemm m'hemmx tul daqskemm ikejlu;
It-tren jagħmilha f'tebqa t'għajn u jerġa'
Idur, jgħabbi u jħott bla jaqta' xejn.
Lura ma jifilħux jimxu riġlejja
U laqnas 'il quddiem. Se nibqa' hawn
biex nirkeb ma' dat-tren li jżomm il-ħin.

*Pawlu Aquilina*